MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 902/2001/1

**Frederick Richard Bradshaw**

**vs**

**Direttur tad-Dipartiment ghall-Protezzjoni Civili, Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta, Dipartiment tas-Sahha rapprezentat mid-Direttur Generali tas-Sahha maghruf ukoll bhala Tabib Principali tal-Gvern u Dr. Victoria Ciantar M.D.**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fl-24 ta` Mejju, 2001, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

Ghall-habta tal-4.30a.m. nhar it-8 ta` Lulju, 2000, Marc Bradshaw, iben l-atturi, akkompanjat minn zewg zghazagh ohra, waqfu fl-inhawi ta` l-Ahrax tal-Mellieha

biex jaraw ix-xemx tiela`. Waqt li kienu mexjin vicin ix-xifer, l-imsemmi Marc Bradshaw waqa` ghal isfel u nizel diversi metri. Meta waslu fuq il-post xi hbieb ohra, Andrea Pace (li hija Nurse kwalifikata), Richard Bonello u Simon Debono ixxabtu mal-blat sabiex nizlu jippruvaw isalvawh.

Meta dawn waslu hdejn Marc Bradshaw, sabu li, minkejja l-griehi li sofra, kien ghadu haj u ghalhekk bdew jaghmlu sforz sfrenat biex jippruvaw isalvawlu hajtu.

L-awtoritajiet konvenuti, ghalkemm gew avzati dwar il-htiega tas-servizzi tas-salvatagg, urew nuqqas ta` hila, inadegwatezza, traskuragni u anke nuqqas ta` professjonalita` fis-sengha taghhom, u dan kif jigi ppruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza.

Meta Marc Bradshaw ittella` fuq l-irdum, saghtejn wara li waqa`, irrizulta li kien lehaq miet, u dan kien dovut in parti ghad-dewmien biex jircievi t-trattament mediku li kien jehtieg.

Hekk kif Marc Bradshaw ittella` fuq l-irdum u gie ccerifikat mejjet, l-Ambulanza telqet minn fuq il-post bit-tabib u l-paramedici, u abbandunat lil Andrea Pace, Richard Bonello u Simon Debono minghajr assistenza u minghajr ma biss stenniet li jitilghu jew jittellghu mill-post fejn kien waqa` Marc Bradshaw, u dan meta kien car ghal kulhadd li dawn it-tlieta kienu qeghdin ibatu minn xokk qawwi, ezawriment u *dehydration*.

Fost is-sinjali ta` nuqqas ta` hila, inadegwatezza, traskuragni u nuqqas ta` professjonalita` kien hemm:

1) in-nuqqas ta` ko-ordinazzjoni bejn is-servizzi ta` salvatagg;

2) ir-rifjut tal-Forzi Armati ta` Malta li jittajjar il-helicopter, minkejja l-emergenza minghajr tabib abbord estrema, minhabba d-dlam u l-konsegwenti dewmien biex jasal il-helicopter, li kien indispensabbli biex Marc Bradshaw jittella` mill-post fejn waqa`;

3) il-verifika esagerata permezz ta` tliet telefonati biex jigi assigurat li t-talba ghas-servizzi ta` salvatagg kienet genwina, bil-konsegwenti telf ta` hin vitali;

4) waqt li t-tliet zghazagh kienu qeghdin jaghmlu l-isforzi taghhom kollha biex isalvaw il-hajja ta` Marc Bradshaw, is-servizzi ta` salvatagg, inkluzi l-membri tad-Dipartiment ghall-Protezzjoni Civili, naqsu li jinzlu biex jaghtu l-ghajnuna u ghal hin twil hallew kull tentattiv ta` salvatagg kif ukoll ir-responsabbilta` ghas-salvatagg fuq spallejn dawn it-tliet zghazagh;

5) meta aktar tard tnizzel membru wiehed biss tal-Forzi Armati (Brd Xuereb) hdejn iz-zghazagh, dan la kellu mezz ta` komunikazzjoni u lanqas *'neck support collar'* biex ma tigix kawzata aktar hsara lill-vittma;

6) in-nuqqas ta` *'stretcher'* adegwat u l-fatt li l-pazjent thalla mdendel f`pozizzjoni vertikali ghal zmien konsiderevoli, b`rasu tixxengel min-naha ghall-ohra;

7) il-fatt li z-zghazagh lanqas gew provduti b`mezz ta` komunikazzjoni biex jinghataw struzzjonijiet mit-tabiba dwar x`kellhom jaghmlu aktar;

8) il-fatt li meta ttella` Marc Bradshaw fuq l-irdum u gie ccertifikat li kien mejjet, it-tabiba u l-Ambulanza telqu minn fuq il-post u hallew minghajr assistenza medika lit-tliet zghazagh.

L-esponent sofra danni u l-awtoritajiet konvenuti naqsu li jammettu ebda responsabbilita` ghall-falliment tas-servizzi ta` salvatagg.

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-awtoritajiet konvenuti responsabbli ghal nuqqas ta` hila, inadegwatezza, traskuragni u anke nuqqas ta` professjonalita` fis-sengha taghhom, u dan riferibilment ghall-kaz ta` Marc Bradshaw.

2. Tiddikjara lill-awtoritajiet konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi.

4. Tikkundanna lill-awtoritajiet konvenuti jew min minnhom biex ihallsu d-danni kif likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tal-Protezzjoni Civili li in forza taghha eccepixxa illi:

1. Fl-ewwel lok ic-citazzjoni hija nulla in kwantu l-artikolu 181B tal-Kap. 12 jipprovdi li huwa l-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li ghandu r-rapprezentanza tad-dipartiment partikolari mentri d-dipartiment m`ghandux personalita` guridika distinta.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, t-talbiet kollha ta` l-attur fil-konfront ta` l-eccipjent huma bla fundament fattwali u guridiku in kwantu s-subordinati tieghu agixxew bl-akbar professjonalita`, skond il-ligi u b`sogru ghall-hajjithom fit-tentattiv tas-salvatagg.

3. Kienu biss u unikament it-traskuragni, in-nonkuranza u l-isbatatagini ta` Marc Bradshaw li f`dawk il-hinijiet ta` dlam cappa u f`dawk l-aggwati inerentement perikoluzi wasslu ghall-mewt tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tat-Tabib Principali tal-Gvern u ta` Dr. Victoria Ciantar li ecepew illi:

1. Preliminarjament r-rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sahha hija fdata f`idejn t-Tabib Principali tal-Gvern u mhux d-Direttur Generali u dan ai termini ta` l-Ordinanza dwar il-kostituzzjoni tad-Dipartiment tas-Sahha.

2. Subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess huma ma rrekawx l-ebda danni lill-attur u ghalhekk ma ghandhom xejn xi jhallsu f`rizarciment.

3. Subordinament u minghajr preduzizzju ghal premess stante illi ma kienx hemm nuqqas ta` diligenza jew nuqqas ta` hsieb u traskuragni huma ma jirrispondux ghal danni.

4. Subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess illi in kwantu diretta kontra t-Tabib Principali tal-Gvern l-azzjoni hija karenti minn fundament gwidiku stante li fil-konfront ta` dan il-konvenut lanqas biss ma hija allegata l-*"culpa in eligendo"*.

5. Il-pretenzjonijiet vantati mill-attur fil-konfront tat-Tabib Principali tal-Gvern u Dr. Victoria Ciantar huma fi kwalunkwe kaz ghal kollox nfondati fil-fatt u fit-dritt.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kmandant tal-Forzi Armati li in forza taghha ecepixxa illi:

1. Il-pretensjonijiet ivvantati fil-konfront tal-eccipjent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi bl-ebda mod ma kien hemm nuqqas ta` hila, inadegwatezza, traskuragni, u nuqqas ta` professjonalita` fis-sengha tal-membri tal-Forzi Armati fil-hidma ta` salvatagg ta` Marc Bradshaw.

2. Huwa jirrifjuta kull responsabbilita` ghall-mewt ta` Marc Bradshaw.

3. Huwa mhuwiex responsabbli ghad-danni u ma ghandux ibati spejjez.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-decizjoni preliminari moghtija minn din il-Qorti fit-28 ta` Novembru, 2002, li in forza taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tal-Protezzjoni Civili, bl-ispejjez

kontrih, u ddikjarat li l-att tac-citazzjoni tiswa; ipprovdiet ukoll dwar it-talba mressqa mill-attur waqt is-smigh tal-14 ta` Novembru, 2001, billi laqghet it-talba tieghu u ordnat li jsiru l-korrezzjonijiet mitluba u li l-atti tal-kawza jirriflettu l-bidliet kif mitluba mill-attur, u li l-atti tal-kawza kif mibdula jigu notifikati lill-partijiet l-ohrajn;

Rat li d-decizjoni li awtorizzat bidla fl-okkju tal-kawza, effettivament, idderimiet ukoll l-ewwel eccezzjoni tat-Tabib Principali tal-Gvern;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tas-16 ta` Marzu, 2004, li in forza tieghu giet michuda talba tar-rikorrenti li jressqu opinjoni ex parte ta` xhieda mhux dikjarati;

Rat li dan il-provvediment gie kkonfermat b`digrieti ulterjuri tal-5 ta` Mejju, 2004, u tas-6 ta` Lulju, 2004;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Ic-cirkustanzi li waslu ghal dan il-kaz ma humiex in kontestazzjoni. Fis-7 ta` Lulju, 2000, Marc Bradshaw, guvni ta` 22 sena, u shabu zghazagh ohra, iddecidew li jmorru *rave party* gewwa l-Vibes discotheque li jinsab fil-limiti ta` San Gwann. Ghal habta tal-4.30 ta` filghodu tal-ghadu, hargu mil-lokal u iddecidew li jmorru fuq l-irdum tal-Ahrax tal-Mellieha biex jaraw ix-xemx titla`. Marc Bradshaw dahal f`karozza flimkien ma` shabu Steve Casaletto u Michael Curmi. Meta waslu fl-irdum ta` Mellieha, kien ghadu d-dlam, u fil-waqt li Michael Curmi resaq vicin arbuxell biex jghaddi l-ilma, Marc Bradshaw mexa lejn it-tarf tal-irdum. Fid-dlam, huwa tfixkel il-

pozizzjoni tal-irdum, u waqa` ghal isfel. Waqt li kien miexi lejn tarf l-irdum, Marc Bradshaw kien qed ihares 'il fuq, b`id wahda wara rasu u l-ohra wara dahru (mossa li wiehed jassoccja ma` persuna li jkun qieghed jistreccja). Hu kien miexi meta, f`daqqa wahda, waqa` ghal isfel.

Wara li shab Bradshaw irrealizzaw x`gara, Steve Casaletto cempel lil Pulizija li gew fuq il-post ftit wara. Eventwalment, gew fuq il-post ukoll membri tal-Forzi Armati ta` Malta, helicopter tal-istess Forzi Armati, membri mid-Dipartiment tal-Protezzjoni civili, Ambulanza u tabiba mid-Dipartiment tas-Sahha. Dawn niedu operazzjoni ta` salvatagg, izda meta Marc Bradshaw itella minn taht l-irdum, sfortunatament, instab li kien mejjet. L-attur, li jigi missier Marc Bradshaw, qed jallega li l-operazzjoni ta` salvatagg ma saretx b`mod efficjenti u li kieku mhux ghal mod traskurat u negligenti ta` kif sehhet l-operazzjoni, ibnu kien isalva.

Mill-provi jirrizulta li l-ewwel rapport tal-incident sar lill-Pulizija u sar fl-4.30am. Ir-rapport ma kienx car li persuna waqghet minn fuq l-irdum, imma shab Bradshaw infurmaw lill-Pulizija li huma *"jahsbu"* li waqet persuna, u dan peress li min kien ma` Bradshaw meta wasal il-Mellieha, kienu xorbu waqt il-party u ma kienux cari fil-hsieb taghhom; inoltre, kien id-dlam u ma kienux jafu preciz x`gara. Meta l-Pulizija waslu fuq il-post u semghu x`seta` gara, huma cemplu lill-Forzi Armati biex jigu jaghtu l-ghajnuna. Il-call ghand il-Forzi Armati waslet fil-4.48am. Is-sejha giet *relayed* ghand id-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili li ukoll gew mitluba jofru l-ghajnuna taghhom.

Malli dahlet is-sejha ghand il-Forzi Armati, is-Surgent Carmel Farrugia ghajjat il-crew, mar il-*hanger* biex johrog il-helicopter u flimkien ma` Bombardier James Seychell rama` l-helicopter ghar-*rescue*. Skond dan il-Bombardier Seychell, hekk kif il-helicopter tlesti u tghabba, telaq ghall-Mellieha. Meta l-Kaptan Martin Sammut xehed fl-inkjesta (li fethet il-Magistrat Inkwerenti hekk kif giet mgharfa bl-incident), hu qal li xi hadd kien infurmah li l-helicopter kien dam ma telaq ghax kien qed jistenna l-bidu tad-dawl tal-gurnata. Il-Bombardier Seychell, min naha tieghu, xehed

li ma kienx minnu li t-tluq tal-helicopter gie ittardjat minhabba d-dlam. Il-Kaptan tal-helicopter, il-Kaptan Paul Gauci ukoll qal li m`hemmx ostakolu li l-helicopter jittajjar bil-lejl, u hu kkonferma li meta ha hsieb jara li l-apparat li jkollu bzonn kien mghobbi fuq il-helicopter hu telaq ghal operazzjoni. Il-Forzi Armati bghatu wkoll Patrol Boat fl-inhawi biex jaghti l-ghajnuna jekk ikun hemm bzonn.

Bhala fatt, jirrizulta li l-helicopter telaq minn Hal Luqa, mill-base tal-Forzi Armati, fil-5.25am. Il-helicopter kien misjuq mill-Kaptan Paul Gauci u fuqu kien hemm ukoll is-Surgent Carmel Farrugia, il-Bombardier James Seychell u l-Lance Bombardier Brian Xuereb. Il-helicopter kien mghammar b`winch u stretcher. Qabel ma telaq bil-helicopter, il-Bombardier Seychell kien anke ordna lil Lance Bombardier Spiteri biex jghabbi landrover b`aktar heavy equipment, u jirhilha hu wkoll lejn il-Mellieha.

Il-helicopter wasal il-Mellieha fil-5.45am u meta waslu, huma ma setghux jaraw il-persuna, izda raw li kien hemm tlett minn nies isfel taht l-irdum, ixxejru lill-helicopter u jindikaw fejn kien il-pazjent. It-tlett persuni kienu Andrea Pace, Simon Debono u Richard Bonello u kienu hbieb ta` Marc Bradshaw u li telghu l-Mellieha b`karozza ohra. Meta dawn waslu hemm, huma gew infurmati minn shabhom li kienu *"jahsbu"* li Marc Bradshaw waqa` ghal isfel; peress li Andrea Pace hija qualified nurse, iddecidiet li, flimkien ma` shaba, tipprova tinzel bil-mixi u tara tistax tghin lill-pazjent.

Meta il-Kaptan tal-helicopter gie muri fejn kien il-pazjent, hu irrealizza li minhabba li dan kien vicin hafna l-wicc tal-irdum, ma setghax itella lill-pazjent direttament bil-winch tal-helicopter. Ittiehdet decizjoni li, allura, Lance Bombardier Xuereb jitnizzel hu bil-winch f`post kemm jista` jkun vicin il-pazjent u jitnizzel ukoll l-istretcher. Lance Bombardier Xuereb, fil-fatt, tnizzel f`post aktar safe xi 20 metru 'l boghod minn fejn kien il-pazjent. Wara li xxabbat fuq il-blat, il-Lance Bombardiet Xuereb wasal hdejn il-pazjent u sabu rasu 'l isfel go hofra. In-nurse Andrea Pace qaltlu li kienet hasset il-polz tieghu minn idejh u rat li ghad kellu l-hajja. Il-Lance Bombardier

Xuereb ipprova jhoss il-polz billi jiccekkja ma` id u ma ghonq il-pazjent. Hu ma hass ebda sinjal ta` hajja, pero`, hu stqarr li ma hux xogholu jara pazjent jekk hux haj jew mejjet; huma, bhala rescuers, iqiesu kull pazjent bhala li hu haj u xogholhom hu li jaghmlu r-rescue f`aqsar zmien possibbli biex iwasslu l-pazjent taht l-attenzjoni tat-tobba.

Meta ra s-sitwazzjoni tal-ambjent, il-Lance Bombardier Xuereb iddecieda li jaghmel *a land rescue*. Pogga l-pazjent gol-stretcher u rabtu sew. Minn fuq l-irdum intefghu hbula li rabathom mal-istretcher. Biex l-istretcher jinzamm f`pozizzjoni dritta, u peress li hu kien wahdu isfel hdejn il-pazjent, hu idderiga li fil-waqt li hu jazomm habel wiehed, habel iehor jinzamm minn wiehed mill-guvintur li kien hemm isfel. L-idea kienet li l-istretcher jingibed min-nies li kienu fuq, waqt li hu u z-zaghzugh l-iehor jikkontrollaw minn isfel ic-caqliq tal-istretcher. L-istretcher itella` bil-pazjent f`pozizzjoni wieqfa, u l-piz tieghu ittiehed l-aktar min-nies tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili li kienu fuq l-irdum.

Il-pazjent itella` bla komplikazzjonijiet, hlief li, darba minnhom, iz-zaghzugh li kien qed izomm wiehed mill-hbula zelaq, u l-istretcher dar xi ftit u it-tlugh tieghu kellu jieqaf. Meta dan rega` sab il-bilanc tieghu, l-operazzjoni tkompliet.

Meta l-istretcher wasal f`tarf l-irdum, dan wehel taht ix-xifer, peress li kien hemm *an overhanging cliff*, u ta` fuq ma setghux jigbdu l-istretcher ghal fuq il-wicc tal-irdum. Gie deciz li jintuza l-winch tal-helicopter biex jaqbad l-istretcher u jigbdu ‘l barra mill-irdum, halli in-nies ta` fuq l-art ikunu jistghu jigwidaw l-pazjent ghal fuq l-art.

Il-helicopter, wara li nizzel lill-Lance Bombardier Xuereb taht l-irdum, kien nizel fuq l-art ftit il-boghod minn fejn kienet qed issehh l-operazzjoni u baqa` bil-magna mixghula *on a stand by basis*.

Din l-operazzjoni saret bla xkiel, u l-pazjent tnizzel fuq wicc l-irdum. Hemm kien hemm Dr. Victoria Ciantar li ccertifikatu mejjet.

Fis-6.15am l-*control room* tal-Forzi Armati giet infurmati li l-persuna kienet ittellghet minn fuq il-blat.

L-attur ressaq diversi ilmenti dwar il-mod kif sehhet din l-operazzjoni. Qabel ma din il-Qorti tigi biex tezamina dawn l-ilmenti, tixtieq taghmel tlett osservazzjonijiet, ta` l-ewwel aktar bhala osservazzjoni generali milli ghax ghandha tirrifletti fuq il-meritu ta` dan il-kaz.

Il-pazjent, guvni ta` 22 sena, kien ghadu kemm hareg minn *rave-party* fejn kien ippartecipa fi *promotion* ta` xorb alkoholiku. Irrizulta, fil-fatt, mit-testijiet li saru fuq il-katavru, li hu kellu livell gholi ta` xorb f`gismu (li jwasslu ghall-*"marked loss of co-ordination, poor sensary perception and nausea"*), u kien anke ha d-droga Ecstasy waqt l-istess party. Persuna f`dak l-istat, u aktar u aktar meta tkun imdamdma bil-hoss ta` muzika tghajjat li soltu ssib b`*rave party*, m`ghandhiex tpoggi ruhha f`sitwazzjoni ta` perikolu billi tersaq vicin irdum. Jekk kienet irresponsabbli li tiehu hafna alcohol u anke droga, ghandha tkun, tal-anqas, kawta li thalli ghaliha nnifisha *via di uscita*. Il-vittma kienet taf li kienet se tixrob hafna alcohol u kienet taf li qed tiehu d-droga; kienet taf, jew messa kienet taf, li dik it-tahlita kien se jaffettwa l-istat ta` hsieb taghha, izda ma hadet ebda prekawzjoni kontra dan. Din il-persuna poggiet lilha nfisha f`sitwazzjoni ta` periklu; kienet qisha bomba bi fuse qasir, u xorta kienet azzardata bizzejjed li wara l-party tmur lejn l-irdum tal-Mellieha u tersaq lejn it-tarf. Il-Qorti qed taghmel dawn il-kummenti peress li ma jidhirlix li hu gust u xieraq li min, b`intendiment liberu, ipoggi lilu nnifsu f`sitwazzjoni ta` periklu, jippretendi li l-poplu Malti jhallas ghar-rescue tieghu. Persuna li tinqabad ghall-gharrieda, per ezempju, fi *storm flood*, ghandha dritt tippretedni li l-komunita` in generali tippartecipa ghal hlas tas-salvatagg taghha, pero`, min, bi traskuragini u non kurranza, ma jiehux il-prekawzjonijiet mehtiega u jpoggi lilu innifsu f`pozizzjoni li, f`kaz ta` incident, ikollu bzonn il-htiega tal-ghajnuna tal-Pulizija, il-Forzi Armati jew tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili, ghandu, hu jew l-eredi tieghu, jigi mgieghel ihallas ghall-ghajnuna li jinghata. Il-vittma jew l-eredi m`ghandux

jaghmel gwadan ingust a hsara tal-poplu Malti, billi hu jiehu servizz b`xejn u l-assi tieghu jibqghu intatti, waqt li l-kaxxa ta` Malta issofri tnaqqis fir-rizorzi taghha. Ir-rizorzi tal-pajjiz, limitati kemm huma limitati, m`ghandhomx jinhlew (fis-sens li jinghataw bla hlas) fuq min ma jiehux hsieb lilu nnifsu. Dan il-kumment ma jfissirx li r-rescue, anke f`kazijiet bhal dawn, m`ghandhiex issir bil-hila u bid-debita attenzjoni, izda l-Qorti jidhirlha fi *de lege ferenda*, min ipoggi lilu nnifsu f`sitwazzjoni li jkollu bzonn ghajnuna, ghandu jhallas ghas-servigi lilu rezi.

It-tieni osservazzjoni li tixtieq taghmel il-Qorti, anke fid-dawl ta` certi kummenti li saru mill-attur, hu li f`kazijiet bhal dawn, hi m`ghandhiex tiehu pozizzjoni ta` *armchair critic*. Hu facli ghal xi hadd li, wara l-event, u fil-kumdita` tal-pultruna tieghu, jghid li messu sar hekk jew messu ma sarx hekk, izda dak li trid tipprova taghmel il-Qorti hu li tpoggi lilha nfisha fil-mument u fil-hin li sehhet l-operazzjoni, u tara jekk, fic-cirkustanzi, r-rescuers uzawx l-ahjar hila taghhom biex iwettqu dak li kien mistenni minnhom.

Fit-tielet lok, il-Qorti tosserva li hi m`ghandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-ufficcjali involuti fir-rescue. Fi kliem iehor, il-Qorti m`ghandhiex tara x`kienet l-ahjar procedura li kellha tintuza, izda jekk il-procedura li ntuzat u d-decizjonijiet li ittiehdu kienux proceduri u decizjonijiet li ufficcjal ragjonevoli kien jiehu f`dawk ic-cirkustanzi. Mhux mehtieg li r-rescuers juru li huma hadu l-ahjar decizjoni li setghu jiehdu, izda bizzejjed li, fic-cirkustanzi, id-decizjonijiet li ittiehdu kienu ragjunati.

Fil-kawza <u>“Balam vs Friern Hospital Managerment Committee”</u>, deciza fl-Ingilterra fl-1957 (1W.L.R.582) intqal minn Lord Mc Nair illi:

*“When you get a situation which involves the use of some special skill or competence, then the test as to whether there has been negligence or not is not the test of the man on the top of a Chapham omnibus, because he has not got this special skill. The test is the standard of the ordinary skilled man exercising and professing to have*

*that special skill … A man need not posses that highest expert skill; it is well established law that it is sufficient if he exercises the ordinary skill of an ordinary competent man exercising that particular art”*.

Fil-kawza “Chapman vs Walton”, deciza ukoll fl-Ingilterra fl-1833 (10 Bing. 57), gie osservat minn Tindal C.J li:

*“The point therefore, to be determined, is not whether the defendant arrived at a correct conclusion upon reading the letter, but whether, upon the occasion in question, he did or did not exercise a reasonable and proper care, skill and judgment”*.

Il-grad ta` diligenza mistennija hija dik ta` *bonus paterfamilias,* u cioe`, li juzaw id-dilegenza u l-attenzjoni li wiehed jistenna minn ufficcjal ragjonevoli.  Inoltre, dak li hu mistenni mir-rescuers mhux li jwettqu b`success l-operazzjoni li jkunu qed jaghmlu, izda li juzaw dik id-diligenza li hu mistenni minn natura tal-attivita` esercitata. Dak li jidhlu ghalih ghandu jitqies *“un obbligazione di mezzi”*, distinta minn *“un obbligazione di risultato”*, u mhux mistenni aktar milli li juzaw l-almu taghhom fic-cirkustanzi tal-kaz.

Fid-dawl ta` dawn il-principji, din il-Qorti ezaminat bl-akbar reqqa l-operazzjoni ta` salvatagg li saret f`dan il-kaz, u ghalkemm issib li kien hemm okkazzjonijiet fejn xi att fl-operazzjoni seta` sar ahjar, ma tarax li kien hemm xi nuqqasijiet serji u lanqas li, fejn kien hemm xi nuqqasijiet, dawn setghu jwassal ghal xi rizultat differenti.  Din il-Qorti tinnota li sakemm gew indahla l-konvenuti fl-istorja kienet gia ghaddiet nofs siegha minn fuq l-incident.  Michael Curmi qal li ghaddew xi 5 minuti bejn il-waqa` ta` Marc Bradshaw u li huma irrealizaw x`gara u cemplu lill-Pulizija. It-telefonata lill-Pulizija dahlet fl-4.30am u s-sejha lill-Forzi Armati waslet fl-4.55am.  Dik in-nofs siegha kienet fatali ghall-pazjent, ghax kif irrelata it-tabib forensiku Dr. Mario Scerri, espert mahtur mill-Magistrat Inkwerenti biex jassistiha fl-inkjesta, bil-griehi li garrab il-pazjent wara waqa` minn gholi ta` madwar 10 sulari, ma setax dam haj aktar minn ftit minuti biss minn x`hin waqa` mill-gholi.

Meta s-sejha waslet ghand il-Forzi Armati ta` Malta, jirrizulta li l-helicopter dam nofs siegha qabel ma telaq ghad-destinazzjoni tieghu. Fil-fehma tal-Qorti dan hu zmien twil hafna. Veru li l-kaptan irid l-ewwel jassessja n-natura tal-kaz mill-informazzjoni li jinghatalu u jara x`equipment ikollu bzonn, imma l-helicopter ma kellux idum nofs siegha biex jghabbi u jitlaq. Wara kwarta minn mindu dahlet il-call, il-helicopter kellu jkun airborne, u dan mehud kont ukoll ta` dak li qal il-Kaptar Gauci li d-dlam mhux ostakolu ghat-titjira.

Darba li l-helicopter wasal fuq il-post, il-Qorti thoss li, mehud kont tac-cirkustanzi, il-mod ta` kif tmexxiet l-operazzjoni tar-rescue kienet wahda ragjonata u mehuda wara ezercizzju ta` *"reasonable and proper care"*. Il-pazjent ma setghax jitella direttament bil-winch tal-helicopter, ghax biex isir hekk ikun mehtieg li l-helicopter jersaq vicin l-irdum, u din tkun manuvra ghal kwantu perikoluza ghan-nies tal-helicopter u dawk li kienu fl-art. Il-pazjent ma setax, lanqas, jigi mcaqqlaq ghal post aktar ideali ghal helicopter, u dan peress li fejn kien waqa` il-pazjent bil-kemm kien accessibbli, u biex jittiehed post iehor kien perikoluz, ghax kien jehtieg moghdija minn fuq blat u sigar waqt garr ta` stretcher. Il-Lance Bombardier Xuereb qal ukoll illi kieku l-helicopter nizzel il-winch xi ghaxar metri 'l barra, mbaghad il-cable tressaq lejn l-istretcher, tali manuvra kienet tkun ta` periklu u kien jinhela hafna aktar hin milli fil-fatt intuza. Din il-Qorti tapprezza l-pozizzjoni li sab ruhu fiha Lance Bombardier Xuereb li kellu jiehu decizjoni malajr, u mehud kont tac-cirkustanzi, d-decizjoni li ha li ssir land rescue ma kienetx wahda zbaljata.

L-istess Lance Bombardier sab ruhu f`pozizzjoni wkoll li kellu jitlob l-ghajnuna tal-guvintur li kienu gia isfel hdejn il-pazjent. Hu seta` talab l-assistenza ta` ufficcjali ohra, pero`, kien jinhela hafna aktar hin. In-nies li nizlu bil-miexi sa isfel qalu li damu niezlin xi tlett kwarti, fil-waqt li jekk jerga` jintuza l-helicopter biex inizzel persuni ohra (u dawn ikun irid inizzilhom madwar 20 metru 'l boghod mill-pazjent u jkunu jridu jixxabtu mal-blat biex jaslu hdejh),

kien zgur li jinhela hafna hin fi stennija. Lance Bombardier Xuereb ried itella l-pazjent fuq wicc l-irdum kemm jista` jkun malajr, ghax kien jaf li fuq l-art kien hemm ambulanza b`apparat mediku u tabiba kwalifikata; kien korrett jiddeciedi li ma jahlix aktar hin u jqies li jtella` l-pazjent fuq l-art malajr.

L-operazzjoni tat-tlugh tal-istretcher ukoll saret b`akbar speditezza. F`okkazzjoni minnhom, wiehed mill-guvintur li inghata guide rope, zelaq u lis-stretcher dar xi darbtejn, pero`, dan il-fatt, li seta` gara lill-kulhadd, ma fixkilx b`mod determinanti l-operazzjoni. Li wehel l-istretcher f`tarf l-irdum, ma hu tort ta` hadd hlief tan-natura tal-blat fil-lokal. Ir-rescuers malajr sabu mezz kif isolvu dik il-problema, u bl-uzu tal-helicopter, il-pazjent ingibed ghal ahhar bicca ghal fuq il-blat. Il-pazjent ittella` bl-idejn u mhux bil-winch tal-landrover li kien fuq il-post biex l-istretcher ma jinghatax skossi, peress illi operazzjoni ta` din ix-xorta bl-idejn tkun aktar smooth.

L-attur ghamel hafna enfasi fuq il-fatt li r-rescuers ma kellhomx two-way radio, u l-kommunikazzjoni bejn il-Lance Bombardier Xuereb u nies ta` fuqu kien bl-ghajjat. Il-Qorti tqies li dan ukoll huwa nuqqas da parti tal-Forzi Armati. Mhux dejjen ikun hemm il-possibbilita` li rescuers ikunu f`vizwali diretta ma` xulxin, u anke jekk hekk ikunu, mhux dejjem l-ghajjat ikun bizzejjed, u hu desiderabbli li rescuers jigu forniti b`two-way radio ghal facilita` ta` kommunikazzjoni. F`dan il-kaz, pero`, ma jirrizultax li dan in-nuqqas tellef l-operazzjoni. Kemm Lance Bombardier Xuereb, li kien isfel, kif ukoll l-ufficcjali li kienu fuq, qalu li ma ‘ltaqghu ma ebda problema ta` kommunikazzjoni. Huma fehmu lil xulxin u ma kienx hemm dizgwid bejn l-ufficcjali. Minn kien on-site irrimarka li ra stramba li l-ufficcjali ma kellhomx radio link bejniethom, pero`, hadd ma qal li dan il-fatt fixkel l-operazzjoni.

L-attur ilmenta wkoll li r-rescuers ma kellhomx *medical training*. Fil-fatt, jirrizulta li r-rescuers ghandhom first-aid training, pero`, xejn izjed. Il-Qorti tifhem, pero`, li fil-waqt li hu desiderabbli li r-rescuers ikollhom aktar training minn hekk, huma mhumiex tobba u xogholhom hu biss biex il-

pazjent jinqala` minn periklu u jinghata lill-medici kompetenti. Dr. Ciantar osservat, fil-fatt, li kieku hi nizlet isfel hdejn il-pazjent, jew kellha radio link mal-ufficcjal li kien hdejn il-pazjent, kif kien u fejn kien, xorta wahda ma kienetx taghmel wisq. Daqstant iehor, allura, ma kienx seta` ghamel wisq Lance Bombardier kieku kellu medical training. Hu kien ittrainjat jaghti CPR, pero`, dan ma setax jaghmlu *"due to blocked airways and a rigidly locked lower jaw"*. Il-pazjent irid l-ewwel jinqala mill-periklu, jitqieghed f`pozizzjoni fejn ma jkun ta` periklu ghall-hadd u jkun jista` jigi ezaminat, u wara jsir l-ezami mediku mehtieg.

Il-Lance Bombardier Xuereb, meta iddecieda li jtella` lill-pazjent fuq, ma qabadx u refghu biex ipoggieh fl-istretcher. Hekk kif sabu wiccu l-isfel, pogga l-istretcher fuq dar il-pazjent u dawru bl-istretcher b`kollox, rabtu u ta` ordni biex jibda` jitella 'l fuq.

Ma jirrizultax li l-operazzjoni hadet fit-tul hafna. Kif inghad, il-helicopter wasal fuq il-post fil-5.35am u fis-6.15am l-operazzjoni kienet lesta. Mehud kont tal-periklu li kien hemm u d-delikatezza tal-operazzjoni, ma jidhirx li dan hu hin twil izzejjed. Dr. Ciantar, li kienet fuq il-post u segwit l-operrazzjoni, osservat li r-rescuers kellhom hegga ghax-xoghol u mghaggla biex itellghu l-pazjent fuq l-art, u ma jidhirx li r-rescuers ittrattaw il-materja li dahlu fiha b`mod legger.

Wahda minn shab Marc Bradshaw, Andrea Pace, qalet li meta nizzlet hdejh, hasset il-polz tieghu u dan kien juri sinjal ta` hajja, ghalkemm il-polz kien *"week"*. Apparti l-fatt li l-polz mhux daqshekk realiable daqs l-ghonq, jirrizulta li meta wasal Lance Bombardier Xuereb fuq il-post, hu ma seta` jsib ebda sinjal ta` hajja la fil-polz u lanqas fl-ghonq. Dan jikkonferma dak li irrelata Dr. Scerri fl-atti tal-inkjesta li bil-griehi li nnota fuq il-persuna tal-pazjent u mehud kont fejn waqa`, ma kienx idum aktar minn ftit minuti haj wara dik il-waqa`. Dan gie ikkonfermat ukoll minn Dr. Ciantar wara li ezaminat il-katavru on site. Apparti dan, ir-rescuerers ma hadux in konsiderazzjoni dan il-fattur, u hadmu b`dik l-ghagla meqjusa li kienu jadoperaw anke kieku kienu certi li l-pazjent kien haj. Meta l-pazjent wasal

fuq l-irdum, kien certifikat mejjet minn Dr. Ciantar u, minn dak il-mument, ma kienx fadal aktar xi jsir hlief li jigu espressi sinjali ta` dizappunt kif intwera fuq wicc kulhadd wara l-operazzjoni.

Mir-rapporti li irrilaxxjaw it-tobba wara li ezaminaw il-katavru, jidher li huma waslu ghal konkluzzjoni unika, u cioe`, li l-pazjent miet b`rizultat tal-griehi li garrab b`rizultat tal-waqa`. Il-katavru gie ezaminat mit-tabib forensiku Dr. Mario Scerri u mit-tosoligu Dr. Michael Sammut, u hadd minnhom ma irrelata li sab xi kawza tal-mewt indipendenti mill-griehi li sofra l-pazjent wara li waqa`. Anke mill-awtopsja li ghamlu l-Professur Marie Theresa Camilleri u Dr. Ali Salfraz, ma nstab xejn anormali jew mhux relatat mal-waqa`, u l-konkluzzjoni taghhom kienet ukoll li l-kawza tal-mewt ta` Marc Bradshaw *"is multiple injuries due to a fall from a height".* Id-diversi fratturi li sofra l-pazjent u l-internal haemorrhoges li jirrizzultaw jindikaw l-pozizzjoni prekarja li sab ruhu fiha l-pazjent wara l-waqa`.

Mix-xhieda tat-tobba li ghamlu l-awtopsja jirrizulta wkoll li anke jekk il-pazjent, waqt li kien qed jitella, minn taht l-irdum, dar xi ftit jew ha xi skoss f`ghonqu ma kienx ikollu qtugh fil-common carotid artery li rrizulta li kellu l-pazjent. Il-forza trid tkun wahda kbira u qawwija biex twassal ghal complete cut f`dawn l-arterji u ma kienux isegwu b`rizultat ta` semplici xengil tal-ghonq jew skoss mal-blat mill-vicin. Il-marki li kellu l-pazjent taht ghonqu u fuq rasu kienu ukoll ta` natura superficjali li anke jekk graw waqt li l-pazjent kien qed jigi imtella (li ma jirrizultax) ma kienux iwasslu ghal mewt tal-pazjent. Il-pazjent kellu injuries kbar interni (mal-qalb, mad-diaframma u ma organi ohra) li sehhew bil-waqa` tieghu mill-gholi, u kienu dawn il-varji injuries li taw lok ghal mewt kwazi istantanea tal-pazjent.

Anke Dr. Robert Camilleri, addett fid-dipartiment tas-sahha, spjega li l-injuries li kellu l-pazjent (specjalment li *"the opening of the inferior vena cava is avulsed"*), kienu tant gravi li l-mewt kien ikun instantaneju jew fi zmien ftit minuti. Meta vina principali li tissupplixxi l-qalb bid-demm, tinqala minn mal-qalb, il-mewt isegwi ftit minuti wara, u ma kien hemm ebda mod kif dik il-persuna setghet giet

salvata. Dwar il-pulse li setghet hasset Andrea Pace, dan ix-xhud spjega, dak li hu accettat fil-medicina, li meta l-persuna tkun inkwetata u anzjuza, u jkollha qalba tahbat aktar minn normal (kif sehh zgur f`dan il-kaz) meta dik il-persuna tipprova thoss il-polz ta` persuna involuta fl-incident, hu probabbli li din thoss il-polz taghha stess u tahsbu li jkun tal-pazjent. Dan ikkonfermah ukoll Mr. Alex Manche` fid-deskrizzjoni cara u preciza li hu ta` lil Qorti ta` x`gara mal-waqa` ta` iben l-attur. Dr. Camilleri ikkonferma wkoll dak li qalu t-tobba li ghamlu l-awtopsja, fis-sens li l-griehi li garrab il-pazjent ma setghux ikunu rizultat ta` skoss li seta` inghata l-pazjent fl-arja waqt li kien qed jitella bi stretcher, peress li l-griehi in kwistjoni setghu sehhew biss b`rizultat ta` free-fall u sabta kbira ma` oggett iebes. Ghal dan hadd ma ikkontribwixxa hlief il-pazjent innifsu.

Ma jirrizultax li fil-kors tal-operazzjoni kien hemm xi nuqqas ta` ko-ordinazzjoni bejn is-servizzi ta` salvatagg. Hu veru li ma jirrizultax li bejn il-Forzi Armati u d-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili hemm xi arrangement dwar min jiehu kontrol tal-operazzjoni f`kaz li t-tnejn jissejhu fuq il-post, haga li tajjeb li tigi ccarata, izda, f`dan il-kaz jirrizulta li l-ufficcjal inkarigat tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili u li kien on-site, kif ra l-helicopter gejja, mill-ewwel halla f`idejn ir-rescue officers tal-Armata, u dawn mill-ewwel hadu kontroll tas-sitwazzjoni u mexxew l-operazzjoni huma. Sitwazzjoni potenzjali ta` dizgwid giet evitata u, fil-fatt ma inholqitx peress li l-partijiet hadu pozizzjoni konformi wahda ghall-ohra, u l-operazzjoni tmexxiet bla tfixkil ta` ordnijiet.

Jidher ukoll mill-provi li l-membri tad-Dipartiment ta` Protezzjoni Civili waslu fuq il-post qabel il-helicopter, u l-ufficcjal inkarigat, certu Natalino Bezzina, kien imhajjar inizzel in-nies tieghu isfel bil-hbula. Dan m`ghamlux ghax ra l-helicopter gej u iddecieda li jkun ahjar, la gej helicopter, ihalli l-operazzjoni f`idejn dawk in-nies. Il-fatt li, fuq kollox, il-helicopter ma intuzax ghal parti principali tal-operazzjoni, ma jnaqqas xejn mill-validita` tad-decizjoni li ha s-Sur Bezzina hekk kif ra l-helicopter gej minn fuq ix-xefaq. Hu ma setax jipprevedi kif se jizvillupaw l-affarijiet,

u darba li ra l-helicopter gejja, kien ghaqli li jistenna ftit hin biex jghaddi l-kontroll tal-operazzjoni f`idejn ir-rescue officers tal-Forzi Armati ta` Malta; kif xehed *“la kienu gejjin rizorsi ahjar, jiena ridt nistenna biex jaslu dawk ir-rizorzi”.* Peress ukoll li, eventwalment, ittiehdet id-decizjoni li jsir *a land rescue*, kien importanti li n-nies ta` dan id-dipartiment jibqghu fuq, peress illi s-sahha issa kellha tkun fuq, b`nies bzonnjuzi mhux biss biex jigbdu l-pazjent fl-istretcher minn isfel, izda ukoll biex jikkontrollaw il-habel u jaraw li dan ma jitqattax mal-irdum.  Minn dak li kien jidher minn fuq, l-operazzjoni tat-tlugh tal-istretcher kienet miexja tajba u ma inhass il-bzonn li jintbaghat ufficcjal iehor isfel biex jghin lil Lance Bombardier Xuereb.  Fil-fatt, hlief ghas-slight hitch, meta zelaq il-guvni li kien qed izomm habel, l-operazzjoni innifisha saret b`mod diligenti u bl-ispetitezza mehtieg.

Din il-Qorti mhiex qed tghid li, *with the benefit of hindsight*, l-operazzjoni tas-salvatagg ma setghetx saret b`mod ahjar, pero`, kollox ma` kollox din il-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni milhuqa mill-Magistrat Inkwerenti, li ma jirrizultax li kien hemm wisq telf ta` zmien jew negligenza mill-persuni li kienu involuti fis-salvatagg f`dan l-incident. Din il-Qorti thoss li ghal dan l-incident sfortunat,  il-konvenuti ghamlu li setghu fic-cirkostanzi, u ma tistax issib f`hiex tikkundannhom.  Il-Qorti tara, pero`, li ghandha ccanfar lill-hbieb tieghu li ghalkemm indunaw li Marc Bradshaw kien fis-sakra (kien *“beda jixxengel u anke fil-karozza beda jiccaqlaq mat-tidwir”*), ma ippruvawx jipproteguh billi jbeghduh mill-periklu u hallewh jersaq fit-tarf f`post perikoluz.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddispondi mill-kawza billi tichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez tal-kawza, hlief dawk decizi, jithallsu mill-attur.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------